Avviż Numru CCT 66/10

**Lucienne u Helmut Piek**

**vs**

**Lino Attard – The Clock Studio**

Illum 18 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-22 ta' Frar, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu l-ispejjeż tar-riparazzjoni tal-arloġġ.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma ħadu żewġ arloġġi sabiex jinbidlu l-batteriji, pero' wara li mar għalihom, dawn l-arloġġi ġralhom aktar ħsara.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

It-Tribunal jinnota wkoll li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

Jinnota wkoll illi l-istima tal-ħsarat li kkaġunaw is-soċjeta' intimata kienet ta' sebgħa u għoxrin ewro (€27).

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' sebgħa u għoxrin ewro (€27), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Av Martin Fenech**
**Arbitru**